



Brussell, 6 ta' Ġunju 2022
(OR. fr)

9128/22

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0140(NLE)

SCH-EVAL 58
SCHENGEN 49
DATAPROTECT 155
ENFOPOL 267
FRONT 198
IXIM 124
MIGR 143
SIRIS 51
VISA 83
COMIX 239

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
fi:	9 ta' Ġunju 2022
Suġġett:	Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013 - Adozzjoni

1. Fit-2 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013. Fit-3 ta' Marzu 2022, il-Kunsill adotta approċċ ġenerali għal din il-proposta.
2. Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 70 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li ma jipprevedi l-ebda involviment tal-Parlament Ewropew fil-proċedura ta' adozzjoni.

Madankollu, il-Kunsill kellu l-intenzjoni li jonora l-impenji politiċi meħuda fl-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill 1053/2013, f'dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni li t-tliet istituzzjonijiet "jifhmu li kwalunkwe proposta futura mill-Kummissjoni biex tiġi emendata din is-sistema ta' evalwazzjoni tiġi ppreżentata għall-konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew sabiex jittieħed kont tal-opinjoni tagħha, bl-aktar mod sħiħ possibbli, qabel l-adozzjoni ta' test finali", u fil-premessa 20 ta' dan ir-regolament.

3. Fit-30 ta' Awwissu 2021, il-Kunsill stieden lill-Parlament Ewropew biex jippreżenta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta tal-Kummissjoni mill-aktar fis possibbli. Fit-8 ta' Diċembru 2021, il-Kunsill, f'konformità mad-Dikjarazzjoni msemmija hawn fuq, ikkonferma d-deċiżjoni tiegħu li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew u stiednu jippreżenta l-opinjoni tiegħu sal-aħħar ta' Frar 2022. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu f'sessjoni plenarja fis-7 ta' April 2022 abbażi tar-rapport adottat fil-LIBE fis-16 ta' Marzu 2022. Bil-ħsieb li jirrispetta l-impenn politiku tiegħu, il-Kunsill eżamina l-opinjoni tal-Parlament Ewropew f'laqgħa tal-Kunsilliera ĠAI fit-8 ta' April 2022, bil-ħsieb li jittieħed kont tagħha, kemm jista' jkun, qabel il-finalizzazzjoni u l-adozzjoni ta' test finali.

4. Fis-27 ta' April 2022, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva t-test tar-Regolament kif imsaħħaħ fil-laqgħa tal-Kunsillieri ĠAI fit-8 ta' April 2022, qabel il-finalizzazzjoni tiegħu mill-ġuristi lingwisti. It-test imsemmi ġie ffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u jinsab fid-dokument 7609/22.

5. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill huwa mistieden jadotta r-Regolament tal-Kunsill dwar l-istabbiliment u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013, kif jinsab fid-dokument 7609/22.